**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 1 ta' Ottubru 2001.

Pulizija
Spettur Martin Sammut

Vs

Raphael Magro

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba kontra Raphael Magro ta' 31 sena, iben Carmelo (mejjet) u Mary nee' Busuttil imwieled fil-31 ta' Dicembru 1969 Zabbar, u joqghod St. Domenic House, 64, Triq il-Mina Hompesch Zabbar, detentur tal-karta tal-identita' 45470M;

Talli nhar il-24 ta' Gunju 2001, u fi zminijiet ta' qabel, gewwa Marsaxlokk u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti li saru fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement qieghed fic-cirkostanzi, bieghh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebhin b'qerq u cioe' diversi hwejjeg bil-marka Ferrari, Nike u Adidas, u dan bi ksur ta' Artikolu 298(1)(f) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-Artikolu 298(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi Raphael Magro hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll l-koperazzjoni tal-imputat mal-Prosekuzzjoni u wara li rat il-fedina pernal tieghu, din il-Qorti, filwaqt li ssibu hati,qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar (18) mil-lum, a tenur tal-artikolu 9.

Din il-Qorti, spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat u qeghda tordna l-konfiska tal-brieret ezebiti.

MAGISTRAT.